**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 24**

2 ta' Settembru 2020

L-erbgħa u għoxrin (24) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 2 ta' Settembru 2020 fis-2pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Floriana, 15, Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Kevin Borg Deputat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

24.1.1. Ma kienx hemm qari tal-ittri ta' apoloġiji.

### 24.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

24.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u għoxrin (23) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

24.2.2. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-aġenda għandha tasal għand il-Kunsill ħamest ijiem qabel id-data tal-laqgħa. Il-Kunsill innota dan.

24.2.3. Il-Kunsillier VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 23.4.2 li għandha taqra "iż-żona tal-Belt Valletta u l-Floriana".

24.2.4. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 23.5.1 li għandha taqra "Triq Antonio Agius".

24.2.5. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

24.2.6. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 23.12.2 u informa li mill-aħħar laqgħa l' hawn jidher li t-tarmak li sar fi Triq il-Mall kien iċċattja u jidher li kien tajjeb. Is-Sindku qalet li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur u tal-Perit wara l-aħħar laqgħa u huma kienu assigurawha li x-xogħol kien sar tajjeb u li kien għad irid joqgħod it-tarmak. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-pagament tal-kuntrattur.

### 24.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

24.3.1. Is-Sindku DSH qalet li matul id-disa' snin li ilha fil-kunsill lokali, hi kienet dejjem ħadmet b'għan wieħed, dak li jkun hemm Floriana aħjar u li dejjem tkun il-leħen tal-Furjaniżi kollha irrispettivament ta' liema partit iħaddnu, kif jixhdu dawn l-aħħar tliet leġislaturi fejn hi serviet ta' Sindku imma anke ta' kunsilliera. Hi qalet li dejjem kienet ħadmet qatigħ u għalhekk kienet tinsab iddispjaċuta bil-partiġġjaniżmu sfrenat li hemm fil-kunsill preżenti u fil-kummenti li jsiru, meta l-fatti jkunu differenti. Hija żiedet tgħid li kulħadd huwa responsabbli t'għemilu iżda speċjalment ta' xogħolu. Hija qalet li ċertu kunsilliera jdumu ġimgħat ma jersqu lejn il-Kunsill iżda fuq il-medja soċjali jagħtu l-impressjoni li jaħdmu ħafna anke meta l-istess kunsilliera lanqas ħadmu fuq biċċa xogħol waħda marbuta mad-

dekasteru assenjat lilhom. Is-Sindku qalet li hi kienet għażlet li tikkummenta dwar dan fl-ogħla laqgħa tal-Kunsill, qabel ma tikkummenta pubblikament. Hija talbet lill-Kunsillier JAE sabiex jikkummenta dwar posts li ttellgħu fuq Facebook u jindika liema rifletturi saru bl-insistenza tiegħu.

24.3.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li fil-posts hu kien qal li kienu floodlights u li kien tella' r-ritratti. Is-Sindku wieġbet li jekk qed jirreferi għall-floodlights ta' Triq il-Konservatorju, Triq l-Argotti, u Triq Vincenzo Dimech, tajjeb li jkun jaf li dawk il-floodlights kienu ilhom hemm żmien twil u ma kienux saru riċentement. Il-Kunsillier JAE wieġeb li dawn però reġgħu xegħlu. Is-Sindku qalet li xegħlu għax imqabbdin mal-istess dawl. Hija qalet li meta wieħed jikkummenta fuq Facebook għandu jara li l-fatti jkunu konkreti.

24.3.1.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-post tal-Kunsillier JAE fejn informa li kien ġie kkonfermat lilu li d-dawl kien inqata' minħabba l-proġett u talbitu jikkonferma min ikkonfermalu dan. Il-Kunsillier JAE qal li għandu jara l-korrispondenza u jirriverti. Is-Sindku qalet li żgur ma kienitx hi li kkonfermat dan kif jixhdu l-minuti tal-aħħar laqgħat. Il-Kunsillier JAE qal li hu qatt ma qal li kienet is-Sindku li kkonfermat dan.

24.3.1.3. Is-Sindku qalet li fil-posts kien issemma' wkoll li fi Ġnien l-Argotti kien sar xi vandaliżmu. Hija qalet li l-Pulizija kienu kkonfermawlha li dan ma kienx att vandalu u għalhekk, il-post kienet reazzjoni oħra popolista u mgħaġġla mingħajr ma kien hemm verifikazzjoni tal-fatti. Hija qrat email mibgħuta mill-Community Police li tikkonferma dan.

24.3.1.4. Il-Kunsillier JAE qal li fil-post hu kien qal li jekk hu vandaliżmu dan kien ħażin. Is-Sindku qalet li dan ma kienx minnu u qrat il-post tal-Kunsillier JAE. Hija qalet li kienet ser tħalli l-korrispondenza fl-uffiċċju tal-Kunsill għal dawk ir-residenti li xtaqu jarawha. Is-Sindku żiedet tgħid li hi ma tiġġustifikax il-vandaliżmu u ta' sikwit tgħaddi ilmenti lill-Pulizija, iżda l-ewwel dejjem tivverifika l-fatti. Hija qalet li wieħed irid jivverifika l-fatti qabel ma jippunta subajh lejn in-nies. Il-Kunsillier JAE qal li hu ma ppunta subajh lejn ħadd u xejn iżda kkundanna l-att li sar, minkejja hux vandalu jew le. Huwa qal li jekk il-Pulizija kkonfermaw li dan ma kienx att vandalu, allura bil-qalb kollha jaġġorna l-post.

24.3.1.5. Is-Sindku qalet li tajjeb ukoll li jiċċara l-post tal-floodlights fejn jinforma li dawn kienu ilhom hemm snin twal, qabel ma kienet hi fil-Kunsill. Il-Kunsillier JAE qal li dawn però ma kienux qed jinxtegħelu. Is-Sindku qalet li qabel ma nqata' d-dawl dawn kienu jixgħelu. Hija qalet li wieħed irid ikun preżenti fil-lokalità biex ikun jaf x'inhu għaddej. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx qed timplika li hu ma jkunx preżenti fil-lokalità. Is-Sindku qalet li hi ma kienitx qed tgħid hekk iżda sinjal li ma kienx jaf li hemm floodlights biex għamel dik il-post.

24.3.1.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal post oħra fejn il-Kunsillier JAE kien irringrazzja lid-Dipartiment tas-Saħħa wara li ssolviet il-problema tad-drenaġġ. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier biex għal darb'oħra jivverifika l-fatti minħabba li din il-problema kienet issolviet grazzi għall-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar wara l-insistenza tagħha ma' wieħed mill-managers tal-

istess awtorità. Hija qrat email li ntbagħtet lill-uffiċjal imsemmi sabiex tikkonferma dan.

24.3.1.7. Is-Sindku DSH qalet li ma tħossx li għandha bżonn tkompli telenka iktar affarijiet biss titlob li kulħadd jerfa' r-responsabbiltà tiegħu. Hija qalet li hi wkoll kienet tikkritika lill-entitajiet meta ma jagħmlux xogħolhom sew iżda kien tajjeb ukoll li wieħed jirrikonoxxi l-affarijiet sbieħ li jolqtu lil-lokalità filwaqt li kulħadd ikun responsabbli għal dak li jikteb.

24.3.1.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-post relatata mal-problema tad-drenaġġ u qal li hu ma jħoss li kien kiteb xejn ħażin u li ma kien qal xejn bi kritika jew offiża lejn xi ħadd partikolari. Is-Sindku qalet li tajjeb li wieħed jikkwota l-entità t-tajba li solviet il-problema, li f'dan il-każ kienet l-Awtorità tad-Djar u mhux is-Sanità.

<u>**Nota: 14:26 Il-Kunsillier VB talab li jkun skużat.**</u>

24.3.1.9. Il-Kunsillier JAE qal li għandu korrispondenza mis-Sanità fejn ikkonfermawlu li x-xogħol kien sar. Is-Sindku qalet li x-xogħol sar iżda mhux minnhom. Il-Kunsillier JAE qal li jħoss li post li sar tajjeb, biex jirringrazzja lill-awtoritajiet, ukoll kien qed jiġi kritikat għalih. Huwa qal li qatt ma kien kritika lis-Sindku jew lill-Kunsill f'xi post minn tiegħu.

24.3.1.10. Is-Sindku DSH qalet li hi mhux tgħid li m'għandux jirringrazzja lill-awtoritajiet iżda li għandu jkun preċiż li jirringrazzja lill-awtorità t-tajba.

24.3.1.11. Is-Sindku semmiet ukoll sound clip li tella' l-Kunsillier JAE. Hija qalet li hi dejjem kienet responsabbli għal dak li tgħid, anke meta kienet ġiet imċaħħda mis-sindakat, xorta waħda ħadmet qatigħ hekk kif jixhdu r-residenti.

24.3.1.12. Is-Sindku qalet li ma kienx sew li wieħed jgħid kemm insista hu meta l-karti u l-fatti kienu juru mod ieħor. Hija appellat sabiex wieħed ma jipprovax iqarraq bin-nies fuq Facebook u li wieħed għandu l-ewwel jivverifika l-fatti. Il-Kunsillier JAE qal li fir-rigward tal-post tal-vandaliżmu kien għalhekk li hu kien kiteb li l-Pulizija qed jinvestigaw. Is-Sindku qalet li m'għandux jintuża lingwaġġ ta' ġurnaliżmu u dan sabiex in-nies ma jkunux żvijati.

24.3.1.13. Il-Kunsillier JAE qal li ma jistax jifhem għalfejn qed jiġi kritikat għax irringrazzja lill-awtoritajiet pubblikament. Is-Sindku qalet li l-Kunsillier kien fid-dmir li jirringrazzja lill-Awtorità tad-Djar li kienu ħarġu ammont ta' flus biex isolvu l-problema. Il-Kunsillier JAE qal li hu ma kienx infurmat li kienu l-Awtorità tad-Djar li solvew il-problema u li kien irringrazzja lill-Awtorità tas-Saħħa minħabba li kienu huma li kkomunikaw miegħu f'dan ir-rigward. Is-Sindku qalet li allura ma kienitx tatu l-informazzjoni korretta tas-Sanità. Huwa qal li hu tkellem a bażi ta' dak li kien infurmat bih.

24.3.1.14. Is-Sindku qalet li bħalma l-Kunsillier JAE kien tkellem pubblikament fuq dan kollu, hi ser tagħmel l-istess wara l-laqgħa. Il-Kunsillier JAE qal li bħalma s-Sindku għandha l-fiduċjarji li jtuha l-appoġġ, l-istess hu li għandu l-fiduċjarji tiegħu li jsegwuh.

24.3.1.15. Id-DSE ġibed l-attenzjoni li l-komunikazzjoni mal-medja hija regolata mill-kodiċi tal-etika tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li skont il-kodiċi tal-etika, il-komunikazzjoni mal-medja għandha ssir permezz tac-channels xierqa u b'approvazzjoni tal-Kunsill.

24.3.1.16. Is-Sindku qalet li qegħda titlob lill-kunsillieri sabiex mill-aktar fis possibbli jippreżentaw lista ta' affarijiet li saru fid-dekasteri tagħhom. Il-Kunsill innota dan.

**<u>Nota: 14:34 Il-Kunsillier VB reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**

24.3.1.17. Is-Sindku talbet li l-lista għandha tintbagħat minnufih lid-DSE.

24.3.1.18. Is-Sindku qalet li minkejja kollox, hi m'għandha xejn personali għal ħadd iżda xtaqet li tirrimarka ċertu punti.

24.3.1.19. Il-Kunsillier JAE qal li hu wkoll ma kellu xejn personali lejn ħadd u qal li hu kien jinsab sodisfatt li bil-ħidma tal-Kunsill kienu waslu biex jitranġaw ċertu affarijiet.

24.3.1.20. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ukoll li jintwera iktar apprezzament lejn il-ħaddiema tal-Kunsill minħabba li ċertu posts ma kienux jagħmlulhom ġieħ. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien jikkorrispondi mal-ħaddiema tal-Kunsill frekwentement u jirringrazzjahom ta' sikwit għall-għajnuna tagħhom. Huwa żied itenni għal darb'oħra li hu qatt ma kien kritika lis-Sindku jew lill-Kunsill fil-posts tiegħu u wisq inqas lill-ħaddiema tal-Kunsill.

24.3.1.21. Il-Kunsilliera JP qalet li però kien tajjeb li wieħed isemma' leħnu fid-dekasteru tiegħu. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera JP li jekk hi bħala l-kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tal-annimali, kienitx mgħarrfa b'qattusa msakkra ġo garage u x'azzjoni kienet ħadet. Is-Sindku qalet li l-kunsilliera m'għandomx ikunu voċiferi fuq kull dekasteru iżda mbagħad fid-dekasteru tagħhom ma jagħmlu xejn.

24.3.1.22. Is-Sindku qalet li sa mill-ewwel ġurnata, kienet tat lill-kunsilliera l-id tal-ħbiberija u saħansitra d-dekasteri li xtaqu u għalhekk tippretendi li kulħadd għandu jagħmel l-almu tiegħu biex jaħdem. Hija qalet li kulħadd irid jagħmel sagrifiċċju. Semmiet kemm-il darba jdoqq l-alarm tad-Dar tal-Kunsill u jkollha bżonn tiġi minn fejn tkun sabiex titfih. Hija qalet li qatt ma kienet talbet lill-ħadd imur minflokha, minkejja li hemm kunsilliera jgħixu eqreb minnha, iżda tippretendi li kulħadd għandu jagħmel sagrifiċċju għall-ġid tal-lokalità.

## 24.4 RAPPORTI

24.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

24.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza minn Transport Malta dwar is-sinjali ta' veloċità fi Triq il-Kapuċċini u fit-Telgħa tal-Kurċifiss kif ukoll dwar is-sinjali tal-playground. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kienx hemm risposta dwar dan.

24.5.2. Is-Sindku nformat li s-sleeping policeman fiż-żona ta' Taħt il-Forka kienet ġiet approvata. Hija nformat li kienu ġew ordnati sleeping policemen għal Taħt il-Forka, għal Triq San Publju u oħra għal Triq San Tumas ħdejn l-iskola.

24.5.2.1. Is-Sindku qalet li kellha talba wkoll sabiex titwaħħal sleeping policeman fi Triq il-Mall li kienet inqalgħet meta saru x-xogħolijiet. Hija qalet li din kienet ġiet ordnata u kienet qed tistenna min-naħa tal-kuntrattur sabiex terġa' titwaħħal.

24.5.3. Il-Kunsillier VB staqsa dwar is-sinjali li kellhom jitwaħħlu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V biex ma jsirx tipjip fiż-żona. Is-Sindku wieġbet li dawn kienu ġew ordnati flimkien ma' tabelli oħra biex ma jintrifisx it-tapit tal-bandli bit-takkuna, eċċ.

24.5.4. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għat-tabelli tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali f'xi toroq, li kienu qed jiċċaraw. Is-Sindku qalet li dawn kienu ġew ordnati u għandhom jinbidlu dalwaqt.

24.5.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-pots ta' biswit il-Knisja u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet mal-kuntrattur li min-naħa tiegħu informaha li għalissa kien għadu ma sabx jixtri xtieli tajbin għall-barra. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jitneħħew il-pots sadanittant. Is-Sindku qalet li ma setgħux jitneħħew il-pots minħabba li mbagħad kienet tiżdied il-problema ta' parkeġġ illegali.

24.5.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Tech.mt rigward konnessjonijiet tal-internet. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mal-kumpanija sabiex jara x'qegħdin joffru eżattament.

24.5.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Central Bank fejn informaw li kienu qed jorganizzaw korsijiet edukattivi. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel post fuq il-paġna tiegħu ta' Facebook sabiex jinforma lir-residenti dwar dawn il-korsijiet.

## 24.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

24.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

24.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 15/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

24.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

24.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta' pagamenti ta' petty cash li nħarġu matul ix-xhur bejn Lulju u Awwissu, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

24.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku GD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta' petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 24.8 PROĠETT KG5

24.8.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li xtaqet tagħti rendikont ta' l-iżvilupp li kien sar fir-rigward ta' dan il-proġett. Hija informat lill-Kunsill li l-playing field tal-logħob tat-tfal kien tlesta.

24.8.2. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li l-Perit tal-Kunsill kien iltaqa' mal-kuntrattur li rebaħ is-sejħa għall-offerti għat-tiswija tas-sistema tad-drenaġġ, u dan sabiex jiddiskutu kif ser jaħdmu f'dan ir-rigward.

24.8.3. Is-Sindku informat li d-dawl kien tlesta u jonqos biss il-bażi tal-poles, liema sejħa għall-offerti għandha tiġi aġġudikata iktar tard matul il-laqgħa.

24.8.4. Is-Sindku għamlet riferenza għall-piċċ sintetiku. Hija qalet li kienet qed tistenna mingħand il-Perit sabiex jipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji. Hija qalet li kienet tkellmet ukoll mal-Perit rigward il-fencing fejn hu kien ta' l-opinjoni li dan ma jinbidilx kollu iżda tinbidel biss dik il-parti mkissra. Il-Kunsillier VB qal li huwa importanti li l-fencing isir b'mod differenti sabiex il-Kunsill ma jerġax ikollu l-istess problemi.

24.8.5. Is-Sindku nformat ukoll li kienet tkellmet mal-kuntrattur tal-playing field biex ikun hemm taħlita ta' bins normali kif ukoll bins tal-iskart riċiklabbli. Il-Viċi Sindku GD staqsiet jekk setgħux jitwaħħlu bins fuq barra. Is-Sindku qalet li dan seta' jsir biss tispera li jintużaw bl-aħjar mod possibbli.

24.8.6. Il-Kunsillier JAE qal li kellu suġġeriment sabiex jitpoġġa iktar dawl fuq il-mobile toilets li hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-Sindku qalet li għandha tinforma lill-kuntrattur sabiex tara x'jista' jsir.

24.8.7. Is-Sindku DSH ressqet suġġeriment sabiex jitwaħħlu xi bins tas-sigaretti fi Trejqet Macerata biex jarmu l-loqom fihom. Il-Kunsill qabel.

## 24.9 ĠENNA TA' ĠONNA

24.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kien qed joqrob iż-żmien u għalhekk il-Kunsill għandu jiddeċiedi kif ser jipproċedi.

24.9.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din l-edizzjoni tal-attività tiġi kkanċellata u dan minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-Covid-19.

24.9.3. Il-Viċi Sindku GD proponiet li dakinhar li kienet skedata l-attività għandu jsir advertising fuq il-ġonna tal-lokalità. Id-DSE issuġġerixxa li jsir virtual tour tal-ġonna. Il-Kunsill qabel li jesplora din l-idea.

## 24.10 FLORIANA FIRE STATION

24.10.1. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Perit responsabbli mill-proġett tal-fire station. Il-Kunsillier JAE qal li r-riservi tagħhom kienu ser jibqgħu hemm minħabba li kienu nkisru xi wħud mill-policies però din kienet kwistjoni ta' sigurtà u għalhekk jalla li jinħareġ il-frott u li r-residenti jiggwadanjaw mill-proġett, kemm a kwantu ta' sigurtà kif ukoll t'edukazzjoni.

24.10.2. Il-Viċi Sindku GD proponiet li l-Kunsill jinforma lir-residenti. Is-Sindku qalet li hi kienet tkellmet mas-Sur Psaila sabiex jiġu organizzati korsijiet edukattivi fosthom għat-tfal, b'mod konġunt mal-Kunsill.

24.10.3. Il-Kunsillier JAE qal li kienu ġew informati li l-korsijiet jistgħu ikunu personalizzati għall-bżonnijiet differenti tal-lokalitajiet.

## 24.11 LAQGHA MA' L-ONOR AARON FARRUGIA

24.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li hi għandha d-dubbji tagħha fuq is-sitwazzjoni tal-iskart. Hija qalet li l-Kunsill kien ġie mwiegħed enforcement tajjeb u li fil-bidu, kulħadd kien aderixxa mar-regoli minħabba li kien għad hemm il-biża. Is-Sindku qalet li issa però, kulħadd kien illaxka speċjalment meta n-nies irrealizzaw li l-enforcement kien minimu, speċjalment f'lokalitajiet li għandhom aging population jew m'għandhomx fejn jerfgħu l-iskart.

24.11.2. Is-Sindku żiedet tgħid li hi ma tlumx lir-residenti li f'residenzi żgħar bħalma huma dawk tal-Floriana, m'għandhomx fejn jerfgħu boroż differenti ta' skart u issa jridu anke jżommu kontenitur goff għall-ħġieġ. Hija qalet li minkejja dan il-Kunsill ma jistax iħalli l-lokalità tkun karatterizzata minn ħmieġ u boroż jiġru fit-toroq u fil-kantunieri u għalhekk kienet qegħda tipproponi laqgħa mal-Onor. Aaron Farrugia sabiex tiġi diskussa din is-sitwazzjoni. Hija qalet li mill-ewwel ta' Settembru ser tinbidel is-sistema tal-ġabra tal-ħġieġ li jrid jibda' jinġabar minn ġol-kontenitur li kienu provdew il-Wasteserv.

24.11.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm problema fuq il-kontenituri anke minħabba li f'bieb wieħed kienu joqgħodu diversi residenti u għalhekk ser ikun hemm numru ta' kontenituri quddiem l-istess bieb.

24.11.4. Il-Kunsillier VB staqsa jekk jistax jibqa' jsir kif kien ladarba l-ħġieġ jinġabar il-Ġimgħa, fl-istess ġurnata li jinġabar ukoll ir-riċiklaġġ. Huwa qal li hekk il-kaxex tal-kartun jew boroż tal-plastik li jitħallew ikunu jistgħu jinġabru meta jgħaddi jiġbor ir-riċiklaġġ. Is-Sindku DSH qalet li hekk kien isir qabel iżda jidher li l-Wasteserv iridu li jibda' jintuża r-reċipjent provdut minnhom.

24.11.5. Is-Sindku semmiet ukoll il-bring in sites li n-nies setgħu jużaw sabiex jiddisponu mill-ħġieġ. Minkejja dan is-Sindku qalet li ħafna mir-residenti kienu anzjani u ma jsuqux u għalhekk ma kellhomx alternattiva oħra ħlief li jistennew il-ġabra ta' kull xahar. Hija qalet li l-lokalità kellha karatteristiċi u bżonnijiet differenti minn lokalitajiet oħrajn u għalhekk ma setgħetx tiġi adottata sistema ta' one size fits all. Dan apparti li l-bring in sites jakkumulaw ukoll ammont kbir ta' ħmieġ minħabba li diversi nies jarmu madwarhom meta jkunu mimlijin.

24.11.6. Il-Kunsillier JAE qal li tella' l-informazzjoni kollha relatata mas-sistema l-ġdida fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill, kif ukoll fuq is-sit tal-Kunsill, u dan sabiex ir-residenti jkunu informati bil-bidla mistennija.

## 24.12 OFFERTI

24.12.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill bir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla fir-rigward tas-sejħa għall-offerti tal-bases tal-electrical poles. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos offertà hekk kif rakkomandat mill-Bord tal-Għażla.

## 24.13 KEEPFIT SESSIONS

24.13.1. Is-Sindku ressqet talba minn residenta li xtaqet torganizza keepfit sessions fid-Dar tal-Kunsill. Hija qalet li dawn is-sessjonijiet għalissa kienu qed jinżammu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V iżda kien hemm xewqa li jinstab post ġewwa sabiex is-sessjonijiet ikunu jistgħu jibqgħu jinżammu matul ix-Xitwa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha marbuta mal-Covid-19, u li jsir it-tindif neċessarju wara s-sessjonijiet.

## 24.14 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

24.14.1. Il-laqgħa intemmet fit-3.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 t'Ottubru fil-5pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

Davina Sammut Hili
Sindku

Kevin Borg
Deputat Segretarju Eżekuttiv